



Brussell, 6 ta' Novembru 2018
(OR. en)

13764/18

LIMITE

SPORT 79
SOC 663
REGIO 109
JEUN 132
EDUC 390
RECH 462
IND 313
COMPET 725
SAN 370

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	12769/18 SPORT 63 SOC 586 REGIO 87 JEUN 112 EDUC 348 RECH 412 IND 267 COMPET 647 SAN 301 Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar id-dimensjoni ekonomika tal-isport u l-benefiċċji soċjoekonomiċi tiegħu - Adozzjoni

1. Fit-3 ta' Lulju 2018, il-Presidenza ressqet Dokument ta' diskussjoni dwar "Id-dimensjoni ekonomika tal-isport: Espansjonijiet soċjoekonomiċi għall-kontijiet satellita għall-isport"¹ bħala bażi għal diskussjoni dwar dan is-suġġett waqt il-laqqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Isport fid-9 ta' Lulju.
2. Fid-29 ta' Awwissu 2018 u fid-dawl ta' diskussjoni msemmija hawn fuq, il-Presidenza ressqet abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sugġett².

¹ Dok. 10480/18

² Dok. 11702/18

3. Fit-8 ta' Ottubru 2018 u wara għadd ta' diskussjonijiet³, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Isport qabel dwar l-abbozz meħmuż ta' konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar id-dimensjoni ekonomika tal-isport u l-benefiċċji soċjoekonomiċi tiegħu.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jeżamina t-test meħmuż, jikkonferma l-qbil milħuq fil-livell ta' grupp ta' ħidma u jippreżentah lill-Kunsill (EYCS fis-26 u s-27 ta' Novembru 2018) għall-adozzjoni.

³ Dokumenti 12265/18 u 12769/18

**Id-dimensjoni ekonomika tal-isport u l-benefiċċji soċjoekonomiċi tiegħu
- Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill -**

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill

I. FILWAQT LI JFAKKRU LI:

1. Il-Pjanijiet ta' Ħidma tal-UE għall-Isport (2011-2014⁴, 2014-2017⁵ u 2017-2020⁶), adottati mill-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, enfasizzaw l-importanza tad-dimensjoni ekonomika tal-isport, billi b'mod partikolari indirizzaw il-finanzjament sostenibbli tal-isport, il-legat ta' avvenimenti sportivi kbar, il-benefiċċji ekonomiċi tal-isport, u l-innovazzjoni.
2. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2012 dwar it-tisħiħ tal-bażi ta' evidenza għat-tfassil tal-politika dwar l-isport⁷, rrikonoxxew il-kontribut sinifikanti tal-isport għall-ekonomija tal-Ewropa bħala mutur għat-tkabbir u l-impjiegi u l-kontribut tiegħu biex jintlaħqu l-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020 u enfasizzaw l-importanza ta' data komparabbli relatata mal-isport u l-użu tagħha fil-formulazzjoni tal-politika biex tizzied il-kwalità tal-politika dwar l-isport.
3. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-attivitajiet volontarji fl-isport għall-promozzjoni taċ-ċittadinanza attiva⁸ jiġbdu l-attenzjoni għall-fatt li s-settur tal-isport, flimkien mal-attivitajiet volontarji fl-isport, jikkostitwixxi valur ekonomiku u soċjali sinifikanti u li jista' jitkejjel fl-ekonomiji nazzjonali, li għandu l-potenzjal li jstimola r-rati ta' tkabbir u tal-impieg fl-Unjoni Ewropea kollha.

⁴ ĠU C 162, 1.6.2011, p. 1-5.

⁵ ĠU C 183, 14.6.2014, p. 12-17.

⁶ ĠU C 189, 5.6.2017, p. 5-14.

⁷ ĠU C 393, 19.12.2012, p. 20-21.

⁸ ĠU C 372, 20.12.2011, p. 24-26.

4. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, fis-27 ta' Novembru 2012 dwar il-promozzjoni tal-attività fiżika li ttejjeb is-saħħa (HEPA)⁹ jenfasizzaw li r-rati għoljin attwali ta' nuqqas ta' attività fiżika jikkostitwixxu tħassib kbir għall-UE u l-Istati Membri tagħha, kemm mill-perspettiva tas-saħħa, dik soċjali kif ukoll ekonomika.
5. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontribut tal-isport għall-ekonomija tal-UE, u b'mod partikolari għat-trattament tal-qgħad fost iż-żgħażaġh u l-inklużjoni soċjali¹⁰ jenfasizzaw l-importanza tas-settur tal-isport għall-ekonomija u għaż-żgħażaġh biex jiksbu ħiliet siewja f'impjieġ imħallas kif ukoll f'attivitajiet volontarji.
6. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-isport bħala mutur tal-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku¹¹ eżaminaw il-potenzjal tal-isport f'termini ta' tkabbir u impjieġi u bħala mutur għall-innovazzjoni.
7. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-ħiliet motorji, l-attivitajiet fiżiċi u sportivi għat-tfal¹² irawmu l-inkoraġġiment tal-edukazzjoni fiżika fl-iskejjel, inklużi l-ħiliet motorji fit-tfulija bikrija fil-kuntest ta' bidla fid-drawwiet ta' kuljum tat-tfal minn attivitajiet fiżiċi għal attivitajiet aktar sedentarji.
8. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill li jikkontribwixxu biex jieqfu jiżdiedu l-Piż Żejjed u l-Obeżità fit-Tfulija¹³ jikkonfermaw li s-saħħa hija valur, opportunità u investiment għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' kull pajjiż, u li l-obeżità fit-tfulija tagħti previżjoni ċara tal-obeżità fl-età adulta b'konsegwenzi għas-saħħa u ekonomiċi magħrufin sew.

⁹ ĠU C 393, 19.12.2012, pp. 22ff.

¹⁰ ĠU C 32, 4.2.2014, p. 2-5.

¹¹ ĠU C 436, 5.12.2014, p. 2-5.

¹² ĠU C 417, 15.12.2015, pp. 46ff.

¹³ ĠU C 205, 29.6.2017, p. 46-52.

II. FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW LI:

9. L-isport huwa rikonoxxut b'ħala mutur għat-tkabbir ekonomiku f'termini ta' effetti fuq il-valur miżjud, il-prodott domestiku gross u l-kapaċità tal-akkwist.¹⁴
10. L-isport huwa fenomenu transsettorjali u jmur ferm lil hinn mill-introjtu tal-industrija tal-isport. Huwa jirrappreżenta b'mod partikolari kwistjoni rilevanti għas-saħħa pubblika, l-iżvilupp reġjonali u t-turiżmu, iżda anke għall-integrazzjoni u l-edukazzjoni u b'ħala konnessjoni soċjali.
11. Minn meta d-dimensjoni ekonomika tal-isport ġiet indirizzata għall-ewwel darba fil-kuntest tal-UE fl-2006 saru sforzi rigward il-possibbiltà li jitkejjel l-impatt ekonomiku tal-isport fil-livell tal-UE¹⁵.
12. Sal-lum, b'kollox disa' Stati Membri tal-UE¹⁶ għandhom Kontijiet Satellita għall-Isport (SSAs) nazzjonali kompluti u ħames pajjiżi addizzjonali¹⁷ iżommu sett ta' data relatata mal-isport li jippermetti grad għoli ta' preċiżjoni fir-riżultati.
13. Skont studju reċenti¹⁸, l-isport jirrappreżenta 2.12 % tal-PDG tal-UE u 5.67 miljun persuna għandhom impjieg relatat mal-isport (2.72 % tal-impjiegi fl-UE). Ir-riżultati juru wkoll li, meta l-ekonomija kienet qed tbat, l-isport kien settur reżiljenti ħafna, li ġġenera tkabbir u impjiegi.¹⁹
14. Għalkemm id-dimensjoni ekonomika tal-isport – li tikkorrispondi għall-kontijiet nazzjonali – hija rrappreżentata tajjeb permezz tal-SSAs u sistemi ta' kalkolu oħrajn, il-kontribut tal-isport għall-ekonomija għadu sottovalutat, għax hemm bosta effetti addizzjonali, hekk imsejħa effetti soċjoekonomiċi (eż. effetti ekonomiċi fuq is-saħħa, l-impenn tal-voluntiera, il-kontribut tal-innovazzjoni għat-tkabbir u il-kontribut tal-isport għall-iżvilupp reġjonali) li għadhom mhumiex rappreżentati, iżda li jeffettwaw il-PDG u l-impjiegi.

¹⁴ Studju dwar l-impatt ekonomiku tal-isport permezz tal-Kontijiet Satellita għall-Isport, 2018.

¹⁵ Grupp ta' Esperti dwar l-Istatistika tal-Isport (2011-2014), id-Definizzjoni ta' Sport ta' Vilnius

¹⁶ L-Awstrija, il-Belġju, Ċipru, il-Ġermanja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall u r-Renju Unit.

¹⁷ Il-Bulgarija, Franza, il-Lussemburgu, is-Slovakkja u Spanja.

¹⁸ Studju dwar l-impatt ekonomiku tal-isport permezz tal-Kontijiet Satellita għall-Isport, 2018.

¹⁹ Ikkonfermat ukoll f': [http://www.oecd.org/mcm/C-MIN\(2013\)1-ENG.pdf](http://www.oecd.org/mcm/C-MIN(2013)1-ENG.pdf)

15. L-ispejjeż ekonomiċi ta' mard relatat man-nuqqas ta' attività fizika²⁰ mhum iex riflessi fil-kontijiet nazzjonali²¹ minkejja li dawn l-implikazzjonijiet ekonomiċi huma importanti²², u mhum iex kwantifikabbli mingħajr metodi adegwati.
16. Il-volontarjat għandu benefiċċju edukattiv sinifikanti u jipprovdi kontribut importanti għad-dimensjoni ekonomika tal-isport²³ li mhux rifless fil-kontijiet nazzjonali.
17. Id-dimensjoni tal-innovazzjoni relatata mal-isport²⁴ għadha ma ġietx ikkunsidrata b'mod suffiċjenti f'termini ta' PDG u impjeg minħabba n-nuqqas ta' data. Huwa għalhekk importanti li jiġu żviluppati riżultati empiriċi affidabbli fir-rigward tal-impatt tal-innovazzjoni relatata mal-isport fuq id-dinamiċi tal-esportazzjoni u t-tkabbir ekonomiku.
18. Il-kontribut tal-isport għall-iżvilupp reġjonali għadu mhux viżibbli biżżejjed, u l-għarfien dwar il-bosta modi kif l-isport u l-attività fiżika jistgħu jkunu mezz b'saħħtu biex jinkiseb l-oġettiv tal-UE marbuta mal-koeżjoni, b'mod partikolari bil-għan li jingħata kontribut għall-oġettivi tal-Ewropa 2020. Evidenza reċenti²⁵ wriet kif proġetti relatati mal-isport taw kontribut għall-ekonomiji lokali, l-impjeg u l-koeżjoni soċjali, minbarra li enfasizzat li ħafna reġjuni madwar l-Ewropa inkludew l-isport fl-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti tagħhom.

III. FILWAQT LI JIRRIKONNOXXU LI:

19. Ir-rappreżentazzjoni tal-kontribut tal-isport għall-ekonomija inġenerali tirrikjedi li jiġu kkunsidrati aspetti addizzjonali, fost oħrajn il-kwantifikazzjoni tal-effetti ekonomiċi tal-

²⁰ Spejjeż diretti fis-sistema tas-saħħa, tnaqqis fil-produttività, mortalità u diżabilità okkupazzjonali kkawżati minn mard relatat man-nuqqas ta' attività fiżika bħal pereżempju d-dijabete tat-tip II, id-dipressjoni, problemi fid-dahar jew mard kardjovaskulari.

²¹ Kontijiet u tekniki biex titkejjel l-attività ekonomika ta' nazzjon

²² Kif ikkonfermat mill-istudju tal-ISCA/CEBR “The Economic Cost of Physical Inactivity in Europe” (L-Ispiża Ekonomika tan-Nuqqas ta' Attività Fiżika fl-Ewropa): <http://inactivity-time-bomb.nowwemove.com/> u l-Istudju tad-WHO “Physical activity and health: evidenza for action” (L-Attività fiżika u s-saħħa: evidenza għall-azzjoni): http://www.euro.who.int/_data/assets/pdf_file/0011/87545/E89490.pdf?ua=1

²³ Studju dwar il-Volontarjat fl-Unjoni Ewropea, 2010

²⁴ Li tkopri l-proċess li idea jew invenzjoni tissarraf fi prodott jew servizz li joħloq valur jew li għalih l-klijenti lesta jħallsu

²⁵ Studju dwar il-kontribut tal-isport għall-iżvilupp reġjonali permezz tal-fondi strutturali, 2016.

attività fiżika fuq is-saħħa, ir-rikonoxximent tal-benefiċċju addizzjonali tal-volontarjat, il-kontribut tal-innovazzjoni biex jissaħħaħ il-potenzjal tat-tkabbir u l-analiżi tal-impatt ta' proġetti relatati mal-isport fuq l-iżvilupp reġjonali.

20. Il-kejl tal-effetti soċjoekonomiċi tal-isport jirrikjedi metodi u approċċi addizzjonali²⁶. Sabiex jiġu pprovduti riżultati bbażati fuq l-evidenza fil-livell nazzjonali u dak Ewropew, huwa neċessarju li jkunu disponibbli data komparabbli u sejbiet. Kwalunkwe data miġbura dwar dawn il-kwistjonijiet għandha tkun diżaggregata skont il-ġeneru.
21. L-isport u l-attivitajiet fiżiċi jagħtu kontribut biex jiġu indirizzati l-isfidi lokali u reġjonali tal-lum, b'mod partikolari billi jiżviluppaw soluzzjonijiet ta' mobilità mhux motorizzata, billi tiġi aċċelerata r-rivitalizzazzjoni taż-żoni urbani bis-saħħa ta' infrastrutturi sportivi intelliġenti, jew billi tittejjeb il-koeżjoni soċjali fost komunitajiet differenti.

IV. JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI BIEX:

22. Jikkunsidraw li jiżviluppaw SSAs jew sistemi ta' kalkolu komparabbli oħrajn biex jikkwantifikaw l-impatt ekonomiku tal-isport.
23. Jappoġġaw u jxerrdu l-idea li r-rappreżentazzjoni tad-dimensjoni ekonomika tal-isport tiġi estiża permezz ta' aspetti soċjoekonomiċi, speċjalment il-volontarjat, l-aspetti ekonomiċi fuq is-saħħa u l-innovazzjoni, fil-livell Ewropew u dak nazzjonali u billi tissaħħaħ il-kooperazzjoni transsettorjali.
24. Iqisu l-valur tal-volontarjat għall-ekonomija nazzjonali u biex jinkludu dan is-suġġett fl-istatistika.
25. Iqajmu kuxjenza dwar il-potenzjal li għandu l-isport li jikkontribwixxi għat-tkabbir u l-impjiegi permezz ta' data affidabbli.

²⁶ Il-Pjan ta' Azzjoni ta' Kazan, kif adottat fil-15 ta' Lulju 2017 mill-UNESCO, jistabbilixxi wkoll fl-Azzjoni 2 il-ħtieġa li jiġu żviluppati indikaturi komuni biex jitkejjel il-kontribut tal-edukazzjoni fiżika, l-attività fiżika u l-isport għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u miri prijoritarji.

26. Jikkunsidraw kollaborazzjoni ulterjuri fost l-Istati Membri u mal-Kummissjoni biex jiżviluppaw definizzjonijiet, metodi u standards komparabbli marbuta mad-dimensjonijiet soċjoekonomiċi tas-settur tal-isport.
27. Jippromwovu l-iskambju fil-livell nazzjonali fir-rigward tal-inklużjoni ta' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, bħal raggruppamenti tal-isport, fejn xieraq.
28. Jikkunsidraw l-inklużjoni tal-isport u l-attivitajiet fiżiċi bħala prijorità trasversali f'oqsma ta' politika oħrajn, bħas-saħħa, l-edukazzjoni, it-trasport, l-ippjanar urban, il-politika soċjali u tat-turiżmu, fejn intwera estensivament u bil-provi l-kontribut tal-isport.

V. JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI BIEX:

29. Tippromwovi u tappoġġa azzjonijiet bħall-iskambju ta' data rilevanti u ta' għarfien speċifiku għall-metodu, il-ġbir ta' evidenza u l-aggregazzjoni ta' statistika dwar l-isport, kif ukoll appoġġ tekniku, bl-għan li jtejbu u jissimplifikaw l-isforzi tal-Istati Membri biex jikkwantifikaw id-dimensjoni ekonomika tal-isport.
30. Tniedi proċess ta' evalwazzjoni dwar l-użu u l-applikabbiltà tas-sistemi ta' kalkolu użati biex jiġu kkwantifikati l-aspetti soċjoekonomiċi tal-isport, inkluż id-deskrizzjoni tar-riċerka eżistenti u l-ġbir ta' eżempji tal-aħjar prattiki.
31. Tappoġġa, fil-kuntest ta' grupp ta' esperti u bl-appoġġ tal-Eurostat, l-iżvilupp ta' għodod biex jikkompletaw jew jaġġornaw id-data diġà eżistenti dwar id-dimensjoni ekonomika tal-isport, inkluż l-aspetti soċjoekonomiċi.
32. Tqajjem kuxjenza dwar il-potenzjal tal-isport bħala sors ta' innovazzjoni.
33. Tappoġġa l-iskambju u ssaħħaħ aktar il-kooperazzjoni, kemm fi ħdan il-Kummissjoni kif ukoll ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE, dwar ir-rwol tal-isport f'ekonomiji moderni u fis-soċjetà moderna, b'mod partikolari bil-ħsieb tal-kontribut tiegħu għall-iżvilupp reġjonali.

VI JISTIEDNU LILL-MOVIMENT SPORTIV BIEX

34. Jappoġġa l-ġbir ta' data dwar il-kontribut tal-volontarjat fl-isport u l-attività fiżika.
 35. Jikkunsidra li jrawwem analiżi ekonomika komparabbli dwar l-impatt ekonomiku tal-volontarjat u l-attività fiżika kif ukoll tan-nuqqas ta' attività fiżika.
 36. Jinkoraġġixxi l-iskambju tal-aħjar prattiki mal-esperti dwar metodi biex jitkejlu l-effetti soċjoekonomiċi.
-

1. Il-White Paper tal-Kummissjoni dwar l-Isport²⁷ tqiegħed enfasi partikolari fuq id-dimensjoni ekonomika tal-isport, waqt li tenfasizza l-ħtieġa ta' informazzjoni komparabbli mill-UE kollha sabiex jiġu żviluppati politiki bbażati fuq l-evidenza.
 2. Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Isport²⁸ tirrikonoxxi l-importanza ta' Kontijiet Satellita għall-Isport (SSAs) għat-tfassil ta' politika tajba u tenfasizza l-valur tal-isport bħala għodda għall-iżvilupp reġjonali.
-

²⁷ Dok. 11811/07 - COM(2007)391 final, 12.07.2007.

²⁸ Dok. 5597/11 - COM(2011)12 final, 21.01.2011.